MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 11/2005/1

**Salvina Cassar**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Bord;**

Rat r-rikors ta' Salvina Cassar li jghid hekk:

Illi b'ittra ufficjali tad-29 t'April, 2005 notifikata fuq ir-rikorrent fil-5 ta' Mejju, 2005 l-intimat ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza tal-Akkwist ta' l-Artijiet ghall skopijiet pubblici irriferija ghall-Avviz tal-Gvern Nru 890 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 t'Awissu, 2004 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-bicca art Haz-Zebbug tal-kejl ta' madwar 705 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, min nofisinhar ma'

proprieta’ ta’ Joseph Chircop u mill-Lvant ma’ proprieta ta’ Joseph Bonnici u li minnha r-rikorrenti ghandha porzjoni ta’ circa 144 metri kwadri, liema porzjoni hija porzjon hija mmarkata bhala 1B fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dok VM 1 ma’ l-istess ittra ufficjali, u offra lir-rikorrenti bhala kumpens ghax-xiri assolut ta’ l-istess proprieta s-somma ta’ hames t’elef u mitt lira Maltin (Lm5,100) u dan skond stima tal-Perit Arkitett Carmen V. Sutton.

Illi r-rikorrenti trid tikkontesta l-ammont lilha offert bhala kumpens billi dan mhux adegwat u ma jirriflettiex il-valur ta’ l-istess proprieta skond il-ligi; illi r-rikorrenti tippretendi li l-kumpens gust ghall-istess proprieta lilha appartenenti huwa ta’ disa’ u sittin elf mitejn u erba u sittin lira Maltija (Lm69,264) u dan billi l-art f’dik l-inhawi qieghda tigi trasferita b’rati simili u sahansitra anke l-Awtorita’ pubblika stess kienet involuta f’kuntratti fejn il-prezz kien kif pretiz mir-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa bhala kumpens ghall-proprieta fuq imsemmija appartenent lir-rikorrenti li qed tigi mill-intimat espropjata ghal uzu pubbliku taht titolu ta’ xiri assolut s-somma ta’ disa’ u sittin elf mitejn u erba u sittin lira Maltija (Lm69,264) u dan flimkien ma’ l-imghax kif stabbilit mill-ligi mid-data li l-istess Awtorita’ Pubbliku hadet pussess ta’ l-art fuq imsemmija u bl-ispejjez tal-prezenti istanza.

Ra ir-risposta tad-Direttur ta’ l-Artijiet li tghid hekk:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors iddatat 11 ta’ Mejju, 2005, fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrent oggezzjonat ghall-valur offrut lilha mill-Gvern ta’ hamest’ elef u mitt Lira Maltin (Lm5,100), ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta’ bicca art gewwa Haz-Zebbug tal-kejl ta’ 705 metri kwadri li minnha r-rikorrent ghanda porzjon ta’ cirka 144 metri kwadri u qeghda tippretendi illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta’ disa u sittin elf mitejn u erba u sittin Lira Maltin (Lm69,264);

Illi l-esponent qieghed jibqa’ jsostni illi l-valur gust tal-art huwa dak fuq citat, u cioe’, l-ammont ta’ hamest’elef u

mitt lira Maltin (Lm5,100) u dan ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta’ hamest elef u mitt Lira Maltin (Lm5,100) bhala l-kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-esproprijazzjoni tal-art fuq imsemmija.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh lill-periti arkitetti l-AIC Godfrey Vella u AIC Renato Laferla u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b’mod unanimu hekk:

Wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li huma hassew li setghu jaffettwaw il-kaz, is-sottofirmati ikkonkludew illi l-kumpens gust li ghandu jithallas ghal dan l-espropriju huwa l-ammont ta’ Lm69,120 (Disgha u Sittin Elf Mija u ghoxrin Lira Maltin);

Illi l-ammont ta’ Lm69,120.00 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 161,006.30

Illi l-perit arkitett tad-Direttur tal-Artijiet, l-AIC Carmen V. Sutton, kienet waslet ghall-istima irruzorja ta’ Lm5,100 filwaqt li r-rikorrenti kienet ottjeniet stima fl-ammont ta’ Lm89,000, izda ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghalhekk il-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilu ghat-trasferiment b’xiri assolut bhala libera u franka tal-bicca art Haz-Zebbug tal-kejl ta’ madwar 705 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma’ triq

pubblika, minn nofsinhar ma' proprjeta' ta' Joseph Chircop u mill-Lvant ma' proprieta ta' Joseph Bonnici u li minnha r-rikorrenti ghandha porzjoni ta' circa 144 metri kwadri, liema art qed tkun dikjarata fabbrikabbli, fl-ammont ta' **Euro 161,006.30** oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differrenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------